

Il-firma ta' Dr. Paolo Nani

# L-ANTIFONA *Beate Juliane* (1847) ta' Dr. Paolo Nani

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Dis-sena għażilt li nlaqqagħkom mal-Antifona *Beate Juliane* li ġġib id-data tat-22 ta' Ottubru 1847. Dan ifisser li dis-sena jaħbat għeluq il-165 sena minn meta Mro. Dr. Paolo Nani kiteb dan ix-xogħol. Għaldaqstant, ser niddedika dan l-artiklu għal waħda mill-eqdem teżori prezzjużi li għandna ġo San Ġiljan. Hawnhekk, tajjeb ngħidu li għandna biex inkunu kburin li l-Antifona tagħna hija fost l-ewlenin li ħarġu mill-pinna ta' das-Surmast! Il-partitura oriġinali, flimkien mal-partijiet tal-orkestra u tal-vuċijiet, illum il-ġurnata jinsabu miżmumin b'għożża kbira fl-arkivju tal-knisja ta' Lapsi wara li dawn kienu ġew irregalati lill-parroċċa ta' San Ġiljan minn Mro. Paul Nani (1906-86) innifsu. Nirringrazzja lill-Għaqda Dillettanti Knisja ta' Lapsi San Ġiljan li tawni l-opportunità tad-deheb li nagħti titwila sewwa u fit-tul lill-antifona biex stajt insawwar dan l-artiklu.

Kliem muftieħ: Antifona, Antifona *Beate Juliane* (1847), Dr. Mro. Paolo Nani, Għaqda Dillettanti Knisja ta' Lapsi (San Ġiljan).

Kulmin hu midħla tal-festi, speċjalment dawk ta' ġewwa, żgur li jaf x'inhi antifona – hija dik il-biċċa mużika mhux daqstant twila, imma ħafna mistennija, li tindaqq bil-vuċijiet u orkestra waqt iċ-ċelebrezzjonijiet liturġiċi fil-ġranet tad-Tridu kif ukoll f'lejlet u nhar il-festa, speċjalment waqt id-dħul tal-vara wara l-puċissjoni. Fost il-ħafna surmastrijiet li kienu jiktbu l-antifoni nsibu lil Dr. Paolo Nani, il-kompożitur tal-antifona *Beate Juliane* (1847). Iżda min kien dan il-persunaġġ?

**BIJOGRAFIJA**: Dr. Paolo Nani kien ġej minn familja ta' mużiċisti ta' fama kbira minn Venezja. Nannuh, Angelo Nani (16.iii.1751 - 27.ii.1844) kien ġie Malta ta' 15-il sena. Dan kien vjolinist ta' ħila kbira u kien maħtur mużiċist fir-residenza uffiċjali tal-Granmastru Manoel Pinto. Fost uliedu kellu tlieta li kienu wkoll vjolinisti u kompożituri, imma Emmanuele kien l-aktar wieħed li spikka u li ħa l-mużika bħala xogħol. Fil-fatt insibu li, Emmanuele Nani (15.iii.1769 – 26.ii.1860) kien twieled il-Belt Valletta. Bħala vjolinist, kellu karriera twila u brillanti ġewwa l-Italja fejn kiseb pożizzjonijiet għolja u karigi mportanti. Lura Malta fl-1823 huwa laħaq Direttur tal-orkestra tat-*Teatro Britannico* u dak tal-*Manoel*. Ħafna mix-xogħlijiet tiegħu huma sfortunatament mitlufin. Emmanuele kien iżżewweġ darbtejn u kellu żewġt itfal mill-ewwel mara. Miet nonaġenarju f'Malta.



Issa, meta niġu għal Dottor Paolo Nani (18.xi.1814 – 22.iii.1904), insibu li dan twieled minn Dottor Giuseppe, li jiġi ħu Emmanuele, u Caterina mwielda Recau. Dwar tfulitu u l-ewwel studji mużikali tiegħu qajla nafu xi ħaġa għajr li studja l-mużika taħt Giuseppe Burlon u Emmanuele Muscat. U għalkemm iggradwa bħala Avukat fl-1833 mill-Università ta' Malta huwa xorta ried karriera fil-mużika tant li mar jistudjaha fil-Konservarju *San Pietro a Majella* taħt Zingarelli. Wara li temm l-istudji tiegħu f'Napli u ġie lura Malta għal kollox fl-1938, ix-xorti daħqitlu mill-ewwel meta ġie fdat bil-mużika tal-festi titutari tal-Madonna tal-Karmnu u ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta. Biż-żmien imbagħad, huwa nħatar *Maestro di Cappella* f'diversi knejjes parrokkjali u oħrajn mifruxin ma' Malta kollha, fosthom dik ta' San Ġiljan. Bhekk naraw li, għalkemm kien għadu żagħżugħ ta' 25 sena, kien hu li ta bidu għal dik li llum insibuha bħala l-*Cappella Nani*. F'dan l-istess żmien ukoll, huwa daħal

jaħdem bħala *maestro concertatore* fit-Teatru Manoel, u aktar 'il quddiem fit-Teatru Rjal. Minn dax-xogħol huwa kiseb esperjenza kbira mill-idjomi operistiċi li kellhom jinfluwenzawlu l-bqija tal-kompożizzjonijiet tiegħu.

**L-ANTIFONA *Beate Juliane***: Qabelxejn, il-kelma ANTIFONA bil-Griek tfisser silta sagra qasira aktarx meħuda mill-Bibbja, reċitata jew kantata waqt funzjonijiet liturġiċi u l-Uffiċċju Divin. Dan il-versett ta' talb jingħad qabel is-salm u jinbidel skont il-festa li tkun. Fl-antik, il-kant kien ikun fl-istil Gregorjan, iżda maż-żmien, kompożituri bħal Nani bdew jimmużikawha fi stili kontemporanji.

Issa, meta ġie biex jikteb l-Antifona *Beate Juliane* fl-1847, Dr. Paolo Nani kien għadu tista' tgħid fil-bidu tal-karriera professjonali tiegħu bħala kompożitur ta' 'l fuq minn 250 biċċa xogħol li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma sagri, fosthom jerġa', għadd kbir ta' antifoni. Interessanti ngħidu li, oriġinarjament din l-Antifoni kienet inkitbet għall-festa ta' San Dimitri ġewwa l-Isla, tant li fuq il-manuskritt li hemm arkivjat fil-knisja ta' Lapsi nsibu mniżżel *Antifona <u>Iste Sanctus</u> scritta in occasione della festività di San Dimitrio nella Senglea*.



L-Antifona ġġib ukoll id-data preċiża ta' meta nkitbet: *22 ottobre 1847*, u eżatt warajha, l-inizjali tal-kompożitur.



Jidher li din l-Antifona, minbarra t-test li għalih kienet inkitbet, kienet tintuża wkoll għal talanqas 12-il festa oħra, fosthom dik ta' San Ġiljan, li jista' jkun kienet tiġi ċċelebrata ġewwa l-Isla stess. Imma ġara li maż-żmien, dawn il-festi ma baqgħux jagħmlu użu minnha, bil-konsegwenza li baqgħet tindaqq biss ġewwa San Ġiljan.

Rigward it-test tal-Antifona *Beate Juliane*, hawn taħt qed inġib traduzzjoni ħielsa mil-Latin sabiex wieħed ikun jista' japprezzaha aktar kulmeta tindaqq fil-festa jew xi okkażjoni oħra marbuta ma' dan il-Qaddis:

***Beate Juliane***
Imbierek Ġiljanu
***Protector Sanctissime,***
Protettut l-aktar Qaddis,
***Deprecare pro nobis***
Idħol għalina nitolbuk
***Filium Dei.***
(Quddiem) l-Iben t'Alla.
***Alleluia.***
Alleluja.

Il-partitura oriġinali fiha 12-il paġna. Hawn taħt hija tabella li turi l-għadd ta' battuti li hemm f'kull paġna, li b'kollox jammontaw għal 97 waħda. Ta' min jinnota imma, li f'paġna 11, għalkemm fiha 8 battuti, l-aħħar erba' huma replikati u allura jammontaw għal 12-il waħda. L-istess għall-paġna 12 fejn għandek disa' battuti imma bl-ewwel tnejn replikati u allura jammontaw għal 11-il waħda:

| Paġna | Għadd ta' battuti | Paġna | Għadd ta' battuti |
|---|---|---|---|
| | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 01 | 6 | 07 | 7 |
| 02 | 6 | 08 | 9 |
| 03 | 7 | 09 | 8 |
| 04 | 7 | 10 | 7 |
| 05 | 9 | 11 | 4 + 4x2 = 12 |
| 06 | 8 | 12 | 2x2 + 7 = 11 |

F’dik li hija strumentazzjoni mbagħad, il-partitura tinkludi sistema waħda b’għaxar pentagrammi, fl-ordni minn fuq għal isfel kif ġej:

| Strument | Kjavi | Rimarki |
|---|---|---|
| | | |
| *Violino I*$^{mo.}$ | Vjolin jew SOL | |
| *Violino II*$^{do.}$ | Vjolin jew SOL | |
| *Flauto* | Vjolin jew SOL | |
| *Clarinetto (in Do)* | Vjolin jew SOL | Klarinett in DO |
| *Corni in* ? | Vjolin jew SOL | Żewġ Korni, prim u sekond in RE |
| *Canto* | Sopran | |
| *Alto* | Kuntralt | |
| *Tenore* | Tenur | |
| *Basso* | Baxx | |
| *?* | Baxx | Mhux ċar x’hemm miktub |



Madankollu, il-partitura kellha tinqasam talanqas f’ħames sistemi distinti għaliex dil-ħaġa tagħmilha aktar faċli għas-Surmast meta jiġi biex jidderieġi l-antifona. Wieħed jinnota f’liema ordni, dejjem minn fuq għal isfel, tqiegħdu l-istrumenti tal-orkestra u l-vuċijiet: il-vjolin primi u sekondi fuq nett bħala s-sinsla u l-qofol ta’ kull xogħol mużikali Barokk/Klassiku fejn l-istrumenti tal-korda kienu dejjem jiddominaw, l-istrumenti tan-nifs, jiġifieri l-flawt, il-klarinett in Do u l-korni in Re taħthom, li kollha għandhom ir-rwol rispettiv tagħhom, imbagħad jiġu l-vuċijiet fl-ordni tagħhom ukoll, jiġifieri Soprani, Alti, Tenuri u Baxxi, u fil-qiegħ nett il-baxxi l-oħrajn, li aktarx jinkludu vjolinċelli u kuntrabaxxi (li jinstemgħu ottava taħthom) u l-orgni. Li l-baxxi qegħedhom taħt hija waħda strateġika il-għaliex għajn is-surmast l-aktar li tkun qed tiġri huwa fuq nett (vjolini) u taħt nett (vjolinċelli/kuntrabaxxi) bħal f’meta tkun qed taqra biċċa mużika għall-pjanu. Qed ngħid hekk, għaliex aktarx li sa dak iż-żmien l-organista (li aktarx ukoll kien ikun l-istess persuna li tkun qed tidderieġi l-orkestra) kien ikun irid jimxi fuq il-parti tal-baxxi biex din isservieh ta’ *basso continuo*. Issa dawn il-figuri li qedin insemmu ma jidhrux la fil-partitura oriġinali u lanqas fil-parti tal-baxxi, anke jekk fuq il-qoxra tal-kuntrabaxx hemm miżjuda, aktarx wara, il-kelma *organo*.

Mill-banda l-oħra, l-obwe (strument tal-qasba) mhux inkluż fil-partitura, anke jekk il-parti tal-klarinett, peress li hija in Do u allura mhix ittrasportata, tista’ faċilment tindaqq minnu. Il-kwistjoni hi, li l-kompożitur ma’ riedx il-ħoss pastorali u penetranti tal-obwe, iżda ried imur għall-istrumenti aktar doċli – il-flawt u l-klarinett. Fl-Antifona, dawn tista’ tgħid li kważi dejjem fil-kumpanija ta’ xulxin imma bil-flawt idoqq ottava fuq il-klarinett. Il-parti għall-orgni, jew parti tal-baxx bil-*basso continuo* ma teżistix – jiżistu xi partijiet għalih li saru minn idejn arranġaturi fi żmenijiet aktar qribna, imma li ma jirriflettux tabilħaqq x’kellu jkun l-andament proprju ta’ dan l-istrument fir-rigward tax-xogħol li għandna f’idejna.

Interessanti wkoll il-fatt, li oriġinarjament din il-kompożizzjoni kienet intiża biex titkanta minn kor *a quattro voci* (Canto, Alto, Tenore, Basso) imma li għal xi raġuni jew oħra, aktarx minħabba r-regolamenti l-ġodda li kienu daħlu fis-seħħ fi-żmien il-Papa Piju X fil-bidu tas-Seklu 20 (jiġifieri, ħafn’ aktar tard wara li nkitbet l-Antifona), xiħadd ingassa ħafif il-parti tal-Alto tista’ tgħid mill-bidu sal-aħħar. Fost ir-

regolamenti riġidi li kien ħareġ bihom il-*Motu Proprio,* kien hemm dik li n-nisa ma jistgħux ikantaw waqt funzjonijiet liturġiċi, u din tista' tkun ir-raġuni l-għala sar hekk. Mill-banda l-oħra, dan żgur li ma kienx il-każ fil-mużika operistika li tagħha Dr. Paolo Nani kien midħla sew peress li kien jaħdem ukoll fiż-żewġ teatri maltin.

**FORMA**: Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-antifoni li nkitbu fis-seklu 19 u l-ewwel nofs tas-seklu 20 huma ternarji, mhux daqstant huwa l-każ tal-Antifona *Beate Juliani* (1847) li, kif ser naraw, qatt ma tista' taqa' taħt din il-forma. Għall-kuntrarju, aktar għandha minn tip ta' forma binarja fejn il-vers (Tema A) u r-ritornell (Tema B) diġà jikkuntrastaw bejniethom, u li flimkien imbagħad, jalternaw bejn żewġ taqsimiet ta' mużika, jiġifieri AB + AB – dik li aħna bl-Ingliż insejħulha *contrasting verse-chorus form.* Fil-fatt, fuq il-qoxra ta' wħud mill-partijiet oriġinali nsibu mniżżel hekk: *Antifona in Re* (għax qegħda fit-tonalità ta' RE Maġġuri) *binario.* Issa, il-kelma *binario* hawnhekk jista' jkollha waħda minn żewġ tifsiriet, jonkella jista' jkun li qed tirreferi għat-tnejn li huma f'daqqa: (a) temp binarju (kelma oħra minflok dak Ordinarju jew Komuni), li għalkemm suppost qed jirreferi għal wieħed ta' żewġ taħbitiet, fil-fatt jikkonsisti f'wieħed fejn kull battuta jkun fiha erba' kwarti. Dan it-temp jingħaraf billi jkun hemm wara l-kjavi l-ittra C jew 4. Fil-każ tal-antifona tagħna, din qegħda fit-temp imsemmi; (b) forma binarja li tikkonsisti f'waħda b'żewġ taqsimiet kif spjegajt aktar 'il fuq. U b'dan it-tagħrif kollu f'idejna, nistgħu għalhekk naqsmu l-antifona kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| **Introduzzjoni**: | Battuti 01-08 | |
| | | |
| **Taqsima A**: | | |
| *Beate Juliane* | Battuti 09-16 | Tema A |
| *Protector Sanctissime,* | Battuti 17-24 | Repetizzjoni Tema $A^1$ |
| | Battuti 25-28 | *Codetta* |
| | | |
| **Taqsima B**: | | |
| | Battuti 29-30 | It-tliet minimi ħabbâra |
| *Deprecare Pro Nobis* | Battuti 31-34 | Dikjarazzjoni parzjali ta' Tema B |
| | Battuti $35$-$42^2$ | Tema B |
| *Filium Dei.* | Battuti $42^3$-$54^2$ | Frażijiet (a) + (b) + (ċ) (Gruppi kadenzjali) |
| | Battuti $54^3$-$60^1$ | Frażi (d) (Grupp kadenzjali) |
| | Battuti $60^2$-63 | Passaġġ ħolqa |
| | | |
| **Taqsima $A^1$**: | Battuti 06-28 | Tema A (Dal Segno % jew minn A sa B)] |
| | | |
| **Taqsima $B^1$**: | Battuti 64-65 | It-tliet minimi ħabbâra |
| *Deprecare Pro Nobis* | Battutti 66-73 | Tema B |
| *Filium Dei.* | Battuti 74-78 | Frażi (d) modifikata (Grupp kadenzjali) |
| | | |
| **KODA**: | | |
| *Alleluia.* | Battuti 79-97 | Gruppi kadenzjali |

**ANALIŻI**: INTRODUZZJONI (b. 1-8): It-tul tal-introduzzjoni jħoll u jorbot il-qafas tal-ewwel taqsima. Jekk nieħdu li l-introduzzjoni hi magħmula mill-ewwel ħames battuti biss sa fejn hemm immarkat l-ittra A, din ser toħloq żbilanċ fil-battuti li jiġu warajha u li jiffurmaw Taqsima A. Mela, biex dawn it-tnejn ikunu bbilanċjati kif suppost, l-introduzzjoni trid tittieħed li tieħu l-ewwel tmien battuti eżatt qabel ma jidħol il-kor. Jekk nagħmlu hekk, allura imbagħad kollox jaqa' f'postu mil-lat ta' frażijiet u sentenzi. U hawn inqajjem il-kwistjoni jekk meta l-mużika titla' *dal segno* għandhiex terġa' tibda mis-sitt battuta jonkella mid-disa' waħda fejn jerġa' jidħol eżatt il-kor (*forte*). Jekk id-*dal segno,* kif inhuwa mmarkat fil-partitura, jibda fis-sitt battuta, allura ser nerġgħu nisimgħu bla bżonn in-nota tar-reżoluzzjoni min-naħa tal-flawt, il-klarinett, u l-korni. Barra minn hekk inħoss li, meta wieħed jiġi biex jitla' *dal segno* mhemmx għalfejn joqgħod jerġa' jintroduċi lill-kor b'battuti 6-8 għax fil-fehma tiegħi dawn jinstemgħu żejda.

Għadaqstant, il-kor għandu jmur u jattakka mill-ewwel. [Dan ir-raġunament jagħmel aktar sens jekk wieħed jara x'jiġri meta terġa' tiġi t-tieni tema (did-darba in-SOL Maġġuri) f'battuti 66-73, fejn din ukoll titneħħielha l-introduzzjoni, u l-kor jidħol bla dewmien eżatt wara t-tliet minimi ħabbâra.]

TAQSIMA A (b. 9-28): Jekk inżommu mal-idea li l-introduzzjoni għandha tul ta' tmien battuti, allura ġewwa x-xileb, għax hekk issa t-tul tas-sentenzi jagħmlu sens. Kif ġa spjegajt aktar 'il fuq, dit-taqsima hija magħmula minn żewġ sentenzi ta' tmien battuti l-waħda – b. 9-16 u b. 17-24, segwiti minn *codetta* (denb żgħir) li tinkludi grupp kadenzjali ta' erba' battuti biex bihom il-kompożitur jiżgura ruħu li din l-ewwel taqsima tagħlaq fuq in-nota tonika RE (it-tonalità li bdejna biha). Importanti ngħidu hawnhekk li, f'dit-taqsima niltaqgħu ma' TEMA A. Issa x'jikkostitwixxi din l-ewwel tema, jekk hux il-moviment ritmiku u qabbieżi tal-vjolini jew id-daħliet omofoniċi tal-kor mhux faċli wieħed jgħid. Li hu żgur hu imma, li l-ewwel tema aktar għandha karattru ritmiku (vertikali) milli wieħed melodiku (orizzontali). Dan l-element ta' kuntrast huwa bil-wisq importanti għal meta niġu għat-tieni tema fejn il-melodija, mhux biss qegħda fil-kjavi dominanti (LA maġġuri), imma wkoll toħroġ fuqanija. Tajjeb ngħidu wkoll hawnhekk li, l-ewwel tema tittratta mużikalment l-ewwel vers minn tal-antifona li huwa magħmul minn żewġ kelmiet biss - *Beate Juliane* (Imbierek Ġiljanu) u ara l-kompożitur x'għandi ħila jagħmel bihom:




Jekk wieħed jidħol f'aktar dettal isib li l-ewwel sentenza – b. 9-16, tinqasam fi tliet frażijiet 3 + 3 + 2 = 8. Din tiftaħ b'dikjarazzjoni robusta stil Beethovenjan (I-V), u timmodula lejn LA Maġġuri lejn tmiem it-tieni frażi f'battuti $12^4$-$14^2$. L-aħħar żewġ battuti $14^4$-$16^2$ jikkostitwixxu grupp kadenzjali li permezz tiegħu is-sentenza tagħlaq fuq il-korda tonika (I) illi bdiet biha. Interessanti hawnhekk, l-element tas-sorpiża fejn jidħol l-ammont jew varjazzjoni fis-sonorità (*dynamics*) għax huwa dan il-kulurit li bih tistagħna l-mużika. Din id-drammatiċità kollha, li filli l-mużika tkun qawwija (*forte*) u filli f'daqqa waħda kemm kemm tinstema' (*pianissimo*), biex imbagħad terġa' f'salt wieħed qawwija (*forte*), hija imnebbħa minn stil ta' mużika influwenzata mill-moviment letterjaru ta' xeħta aggressiva bl-isem ta' 'Maltemp u Qawwa'.

F'dak li huwa materjal tematiku min-naħa tal-primi vjolini nsibu li, s-segment tal-ftuħ (l-ewwel żewġ battuti tal-anteċedent – b. $6^3$- $8^2$, huwa magħmul minn sempliċi frażi mtennija u li tifforma parti minn formula hekk imsejħa - *ready, steady, go*. Fil-fatt, it-tweġiba komplementari (b. $8^3$-$10^2$) titlaq minfejn ħalliet il-frażi mtennija, u b'ġest akrobatiku, minn LA fl-*ottava prima*, il-melodija titla' tiġri u tmiss is-SI fl-*ottava seconda*, biex imbagħad terġa' tinżel u tmur tistrieħ fuq l-istess nota LA li tkun telqet biha. U l-istess jista' jingħad għall-konsegwent (b. $10^3$-$14^2$), imma bid-differenza li dan jirnexxilu jimmodula lejn id-dominanti (V). U la qedin fiha, inkun qed ngħid is-sew jekk ngħid li din il-frażi li tiġri, taqbeż, toqmos fuqha nnifisha, u togħla u tinżel b'ħeffa liema bħalha donnha għandha minn għażżiela?!



Tajjeb ngħidu wkoll, li l-frażi, li minnha jintiseġ l-anteċedent, hija mibnija fuq sempliċi trijadi tat-tonika – RE – FA# - LA, fejn id-DO# mhix għajr appoġġjatura, u allura tiżjina imma nota barranija. F'dak li huma ritmu mbagħad, il-frażi hija magħmula min-nofs kwart aspett, segwit minn repetizzjoni nsistenti tal-istess nota LA (fit-tieni spazju) u mqassma f'semikromi, u li dawn iservu ta' mbuttatura għalbiex minn hemm tispara 'l fuq (interval ta' sesta maġġuri) fejn hemm jistennewha żewġ kromi + semiminima.

Ħaġ' oħra żgħira li xtaqt naċċenna wkoll fuqha huwa l-mod kif l-istrumenti tal-qasba jidħlu biex iwieġbu bis-serqa lejn tmiem il-frażijiet - l-intervent tagħhom, għalkemm wieħed żgħir, biex ma ngħidx minuskolu, huwa tassew ħelu u effettiv.

Min-naħa l-oħra, it-tieni sentenza – b. 17-24, hija magħmula minn żewġ frażijiet biss ta' erba' battuti l-waħda:




Hawnhekk, is-sentenza tiftaħ bl-istess mod bħal ta' qabilha, imma mbagħad tiġbed għal waqt wieħed lejn il-Mi minuri - li mhix għajr il-korda sopratonika (II) ta' RE Maġġuri, qabel ma terġa' tmur u tagħlaq fil-tonalità li bdiet biha. Dawn it-tmien battuti, flimkien mal-*codetta* li tiġi warajhom, ikopru l-kliem *Protector Sanctissime* u bhekk iġibu fit-tmiem din l-ewwel taqsima.

Il-*codetta* (b. 25-28), li bla dubju ta' xejn tagħmel aċċenn fuq il-kelma *Sanctissime* (l-aktar Qaddis), fil-fatt mhix għajr grupp kadenzjali magħmul minn kandenza perfetta (V-I) ta' żewġ battuti mtennija. Interessanti imma, li l-ewwel żewġ battuti jintlaħqu permezz ta' skala tielgħa (b. 24) tar-RE Maġġuri min-naħa tal-vjolini idoqqu t-tremulu, filwaqt li l-aħħar tnejn jintlaħqu bl-istess mod imma bl-iskala nieżla (b. 26). Dan il-mod kif wieħed iġib taqsima fi tmiemha jfakkarni wisq fil-*codetta* lejn tmiem l-ewwel taqsima tal-ewwel moviment minn ta' *Eine Kleine Nachtumusik* ta' Mozart, liema *codetta* mbagħad jittrasformaha f'*coda* twila meta jiġi biex itemm il-moviment msemmi. Nani, bħal kull kompożitur ieħor ta' żmienu, juża din l-istrateġija meta jiġi biex jagħlaq l-antifona (Ara minn battuta 87 'il quddiem).

TAQSIMA B (b. 29-63): tiftaħ b'dikjarazzjoni solenni ta' tliet minimi segwiti min-nofs battuta aspett li bħal donnhom joffru waqt ta' stennija, mument misterjuż, sens ta' suspans, jew sempliċiment stasi, u warajh skiet taqgħtu b'sikkina, bħal donnu dan hu l-araldu tad-destin kiefer li kellu jiffaċċja bla ħtija Ġiljanu – il-veru każ ta' min imut bil-pesta mhemmx barrakka għalih! Dawn it-tliet taħbitiet tad-destin jikkorrespondu tajjeb mat-tħabbira taċ-ċerv, u nxebbahhom man-noti li jiftħu l-kwinta sinfonija ta' Beethoven. Hemm mela, minn issa 'l quddiem, din il-figura magħmula minn żewġ battuti ta' tliet minimi u nofs battuta aspett qed insejħilha bl-isem tat-tliet minimi ħabbâra kull darba li niġi biex nitkellem fuqha.




Wara t-tliet minimi ħabbâra tiġi ħabta w sabta TEMA B, li hija marbuta mal-kelmiet *Deprecare Pro Nobis* (Idħol għalina nitolbuk). Iżda dit-tieni tema ewlenija hija preċeduta b'introduzzjoni qsajra strumentali ta' erba' battuti fejn il-flawt u l-klarinett (ottava taħtu), u għall-akumpanjament pizzikat tal-istrumenti tal-korda, bħal donnhom iridu bilfors jikxfu l-melodija li tkun ġejja wara. Dil-frażi, li tibda *in aria*, titlaq minfejn ħallewna l-aħħar it-tliet minimi ħabbâra, bil-melodija lixxa ddur fuqha nnifsa fl-ewwel nofs tagħha, biex mbagħad tinżel stakkata ħafif permezz ta' sensiela ta' kromi u tmur tistrieħ fuq il-korda tonika tal-LA Maġġuri. Il-kor jidħol eżatt wara, ukoll *in aria*, f'battuta 34 kif ġej:




TEMA B tikkuntrasta bil-qawwi meta mqabbla mal-ewwel tema l-għaliex il-karattru tagħha huwa wieħed differenti mhux biss għax hija omofonika f'nisġitha, fejn għandek melodija waħda akkumpanjata, imma wkoll għax tagħmel użu mill-legaturi li jirrenduha aktar lixxa u orizzontali (mimduda) minn qatt qabel. Għall-kuntrajru, il-karattru ta' TEMA A huwa aktar vertikali (wieqaf), mhux biss inkwantu l-andament ritmiku tiegħu, imma wkoll minħabba l-użu tal-polifonija fejn għandek ħafna affarijiet għaddejin fl-istess waqt bil-melodija wil-kontro-melodija jwieżnu lill-xulxin bħal f'ċaqlembuta.

Mad-daqqa t'għajn wieħed malajr jinnota li l-konsegwent, jew frażi li tiġi wara (b. $38^3$-$42^2$), huwa kopja eżatta tal-anteċedent, jew ta' dak li jiġi qabel ($34^4$-$38^2$). Imma li hemm interessanti hawnhekk huwa l-aspett antifonali fejn jidħlu l-vuċijiet bis-soprani wit-tenuri jiġu mwieġba mill-baxxi bħal f'mistoqsija u tweġiba. Ta' min jinnota hawnhekk, li l-alti (vuċijiet femminili) mhux parteċipanti f'dan l-inkontru bejn il-vuċijiet. Jerġa', fir-rigward tas-soprani, Nani niżżel *Canto* għax jista' jkun li dil-parti setgħet titkanta wkoll minn vuċi puerili (tat-tfal). Imma fil-każ tal-*Alto*, kif ġa aċċennajt aktar 'il fuq, il-parti tagħha għandha sad-*Da Capo* (b. 63), bl-aspett b'kollox, żgur maqtugħ ħafif bil-lapis. Minn dan kollu joħorġu għadd ta' mistoqsijiet fosthom, jekk dax-xogħol oriġinarjment kienx tassew maħsub għalbiex jitkanta fi knisja (u allura sagru), jew jekk qabel kienx jifforma parti minn xi xogħol ieħor ta' natura operistika (u allura sekulari jew progan) u li mbagħad ġie adattat għal antifona. U allura, il-mistoqsija l-oħra tiġi weħidha: Jekk dax-xogħol tneħħilu t-test tal-antifona li hu meħud mill-antifona tal-*Magnificat* tal-Ewwel Għasar fil-Liturġija tas-Sigħat, x'jifdal tabilħaqq sagru fih?

Punt ieħor importanti li xtaqt naċċenna fuqu hawnhekk huwa l-użu tal-pedala. Tul dawn it-tnax-il battuta (31-42), il-mużika tista' tgħid li l-ħin kollu qed timxi fuq il-pedala dominanti (MI) sostnuta mill-vjolinċelli wil-kuntrabaxxi u l-pedaliera tal-orgni - liema nota nzertat wkoll li hija, fl-istess waqt, il-kwinta fit-trijadi tonika LA – DO# - <u>MI</u> u l-għerq tat-trijadi dominanti <u>MI</u> – SOL# - SI. Din in-nota partikulari (MI) ġa konna ppreparati għaliha bil-miġja tat-tliet minimi ħâbbara li huma wkoll huma mibnijin fuq din l-istess nota. Għaldaqstant, ir-rwol tat-tliet minimi ħabbâra hawnhekk isir wieħed mużikali daqskemm simboliku.

Minn hawn il-mużika tmur għat-tieni parti ta' dit-taqsima fejn il-kompożitur jittratta l-kelmiet *Filium Dei* (l-Iben t'Alla). Kollox jibda minn battuta 42 meta l-primi vjolini f'salt wieħed jħallu l-pizzikat warajhom u b'ġirja waħda jitilgħu l-iskala tal-LA Maġġuri fi tremulu sfrenat fejn hemm tistenniehom l-ewwel minn sensiela ta' frażijiet kif ġej: (a) $42^3$ - $46^2$ + (b) $46^3$ – $50^2$ + (ċ) $50^3$ – $54^2$ + (d) $54^3$ - $60^2$ = 4 + 4 + 4 + 6.

Frażi (a), immarkata *fortissimo* (bil-qawwi ħafna), għandha minn grupp kadenzjali: Ib – IV – Ic/V – I. Kor u strumenti għalenija, kulħadd jagħti sehmu mill-aħjar li jista' f'dal-mument tant maestuż b'sens ta' gratitudni lejn l-Iben il-Ħallieq. Dil-frażi tikkuntrasta bil-kbir maż-żewġ frażijiet li jiġu warajha:




Fil-fatt, frażijiet (b) u (ċ), immarkati *piano* (bil-mod), huma l-istess f'kollox, u allura, jekk nitkellmu fuq il-waħda nkunu qedin nagħmlu l-istess fuq l-oħra. Dawn ukoll huma tip ta' gruppi kadenzjali li jġorru materjal episodiku aktar milli tematiku, u għaldaqstant qedin hemm biss biex jgħinu l-mużika timxi 'l quddiem. F'dik li hija skema armonika jidħol l-element drammatiku tal-korda tas-settima diminwita f'battuta $47^3$/$51^3$ kif ġej: I ($46^3$ /$50^3$ ) - V7 – Dim. 7 (47/51) – VI7 – II7b (48/52) – Ic/V (49/53) – I ($50^2$ / $54^2$). F'dik li hija melodija mbagħad, kull frażi terġa' tinqasam fi tnejn: (x) $46^3$ - $48^2$/$50^3$ – $52^2$ u (y) $48^3$ – $50^2$/$52^3$ – $54^2$. (x) l-istrumenti tal-injam (il-flawt u l-klarinett, ottava taħtu) jagħmlu użu mill-istakkat meta jiġu għall-kromi, filwaqt li l-korda ssostni l-inżul tagħhom b'noti twal minn taħt; (y) hawn jingħaqdu magħhom il-kor u l-korni biex b'hekk il-frażi tilħaq il-milja tagħha. Xiħaġa hawnhekk li s'issa qatt ma konna ltqajna magħha qabel huwa l-element tas-sìnkope fl-istrumenti tal-injam. Dan jiġi effettwat permezz tal-appoġġjatura kromatika u b'hekk jagħti dik il-laqta misterjuża lill-passaġġ in kwestjoni.




U b'hekk naslu għall-frażi (d), immarkata *forte* (bil-qawwi), u li hija itwal mit-tlieta l-oħra li ġew qabilha minħabba li fiha estensjoni ta' żewġ battuti biex tinkludi għall-ewwel darba l-kelma *Alleluia* (Alleluja). Il-korda tas-settima diminwita terġa' tfiġġ f'battuta $57^3$ proprju biex tagħti mportanza misħoqqa lil dil-kelma. Dil-frażi aħħarija hija wkoll dik qabel ma l-vjolini primi jibdew jaħsbu biex imorru lura lejn *Da Capo*.

Kieku mingħajr l-estensjoni tal-*Alleluia* (b. $57^3$ – $59^2$) frażi (d) kienet tkun twila daqs il-frażijiet (a), (b) u (ċ). In-nofs tond juri kif wieħed jista' jaqbeż iż-żewġ battuti tal-*Alleluia* u minn battuta 56 imur dritt għall-battuta 59, li wkoll tirsolvi fuq il-korda tonika. Tajjeb li ngħidu wkoll li, għalkemm il-kor jieqaf fuq l-ewwel kwart ta' battuta 59, il-frażi ma tiqafx hemm, imma tkompli ftit ieħor (fejn hemm immarkat b'linja mhux fissa) biex tagħti ċans lill-orkestra tagħlaq hi għall-aħħar darba fuq il-korda tonika ta' LA Maġġuri qabel ir-ritorn lejn it-tonalità li konna bdejna biha – dik tar-RE Maġġuri.




Il-passaġġ ħolqa ($60^2$-63) ismu miegħu, xogħlu huwa li jgħinna mmorru lura minn LA Maġġuri, liema tonalità konna fiha f'TAQSIMA B, għal RE Maġġuri, dik li bdejna biha. Dal-passaġġ, immarkat *piano leggiero* (bil-mod u leġġ), qed fuq il-primi vjolini biss, li, fi tremulu wieħed, jitilgħu u jinżlu b'ħeffa is-settima dominanti LA – DO# - MI – SOL, liema noti jintlaħqu permezz tal-appoġġjaturi jew abbellimenti oħra. (Fl-eżempju ta' hawn taħt, l-abbellimenti huma kollha mmarkati bl-'x'). Kelma ċkejna fuq in-nota SI f'battuta 63, immarkata bl-ittra 'y' - din hija nota reali magħrufa bħala n-nona (9) tal-akkordju mibni fuq id-dominanti – LA - DO# - MI – SOL – <u>SI</u>, u għaldaqstant, m'għandhiex tittieħed bħala nota barranija. Importanti li wieħed jinnota wkoll, li l-kompożitur jibqa' jilgħab sal-aħħar bis-SOL# (LA Maġġuri) u s-SOL bekwadru (in-nota sensibbli tal-iskali ta' RE Maġġuri), b'din tal-aħħar finalment tirbaħ fuq l-oħra. Is-SOL# issa mhi xejn għajr abbelliment (jew nota awżiljari kromatika). F'battuta 63 il-mużika tnaqqas mill-ġirja tagħha (*rallentando*) u permezz ta' *Si repete dal segno % al segno ⇒ poi segue,* nerġgħu nitilgħu f'battuta 6 fejn hemm tistenniena l-ewwel tema.




Dwar din l-istruzzjoni, hemm xi ftit tal-konfużjoni għax fil-partitura, għandi nifhem li bi żvista, hemm imniżżel *Da Capo, ossia dal segno **A** fino **B*** (l-ittri huma kbar u grassi, u mmarkati bl-aħmar biex jiġbdu l-attenzjoni ta' min ikun qed jidderieġi). Is-sinjal *Da Capo* suppost iservi biex terġa' tibda mill-ġdid biċċa mużika, jew aħjar, terġa' tibda minn fuq nett, jiġifieri mill-ewwel battuta. Imma hawnhekk b'*Da Capo* nifhem li ried ifisser *Dal Segno* għax l-ittra **A** qegħda f'ras battuta 6, filwaqt li l-ittra **B** qegħda fi tmiem battuta 28.

Intant, wara li nkunu tlajna fuq u rripetejna TEMA A minn battuti 6 sa 28 (minn **A** sa **B**) il-mużika issa trid taqbeż u tmur mill-ewwel għall-battuta 64 'il quddiem. Wara miġjet it-tliet minimi ħabbâra (b. 64-5) jidħol mill-ewwel il-kor b'TEMA B mingħajr l-introduzzjoni li kellna f'battuti 31-34. Tajjeb li ngħidu hawnhekk li, bħalma jiġri fl-ewwel moviment ta' sonata jew sinfonija, it-tieni tema fir-rikapitulazzjoni tiġi modifikati b'tali mod biex il-mużika ma timmodulax lejn id-dominanti (V), imma tmur fis-sotto-dominanti (IV), jiġifieri lejn SOL Maġġuri. Fil-fatt, it-tliet minimi ħabbâra issa jdoqqu r-RE u mhux aktar il-MI, għax RE, bħala nota hija fl-istess waqt l-għerq tat-trijadi tonika (I) <u>RE</u> – FA# - LA, u l-kwinta fit-trijadi tas-sotto-dominanti (IV) SOL – SI – <u>RE</u>. Hawnhekk, TEMA B tinjora l-ewwel tliet gruppi kadenzjali li kellna bejn battuta $42^3$ u $54^2$ u timmodifika l-aħħar wieħed ta' (b. $73^3$ - $79^2$ ) kif ġej:




Hawn, l-akkordju tas-settima diminwita (b. $57^3$) issa jinbidel f'akkordju aktar sofistikat tas-sesta ġermaniża (b. $77^3$), li bħala ħoss, huwa għall-kollox barra mit-tonalità li ninsabu fiha ħlief għal nota waħda – il-famuża RE. Akkordju bħal mhu dan insejħulu kromatiku għax joffri lewn ġdid li aktarx issibu jżejjen tarf ta' xi sentenza qabel il-wasla ta' kadenza perfetta/interrotta. Ukoll, dil-frażi tagħti għal fuq l-aħħar parti tal-antifona (immarkata *Mosso*) li aħna nsibuha bħala KODA.

Il-KODA (b. 79-97), li fiha titkanta biss l-*Alleluia* bħala għajta ta' ferħ u tifħir lil Alla, hija magħmula minn sensiela ta' gruppi kadenzjali li flimkien iġibu lix-xogħol fi tmiem mill-aktar ġubilanti. Fl-ewwel żewġ frażijiet (b. 79-82 u 83-86) insibu li dawn jerġgħu jinqasmu f'żewġ partijiet, fejn l-ewwel waħda (immarkata *piano*), u li fiha jidħlu biss l-istrumenti tal-korda, tiġi mwieġba b'mod antifonali mill-kor u l-orkestra kollha fit-tieni waħda (immarkata *forte*). Sadattant, tul daż-żewġ frażijiet, il-vjolinċelli wil-kuntrabaxxi joħolqu dak ir-ritmu jitbandal magħmul minn kromi biss. Warajhom imbagħad, jiġu żewġ frażijiet oħra ta' żewġ battuti l-waħda (b. 87-8 u 89-90), li fil-fatt huma taqsira ta' dawk li ġew qabilhom, segwiti jerġa' minn tnejn oħra, did-darba ta' battuta l-waħda (b. 91 u 92), li wkoll huma diminuzzjoni tal-battuti li għadhom kif ġew qabilhom. Dan il-proċess fil-mużika jissejjaħ żvilupp permezz tal-eliminazzjoni li jikkonsisti filli tirrepeti l-istess frażi għal diversi drabi, imma kull darba li tiġi waħda minnhom trid tnaqqsilha xiħaġa minnha, bħal ngħidu aħna noti jew taqsir fil-valuri tagħhom. Fl-istess waqt, permezz t'hekk tkun qed tagħti wkoll sens ta' aċċellerazzjoni li hija tant meħtieġa għal tmiem bħalma hu dan. Xi ħaġa żgħira wkoll fuq l-aħħar żewġ battuti (b. 96 – 97) fejn wieħed jista' jinnota li x-xogħol jagħlaq fuq it-tliet minimi ħabbâra bid-differenza imma, li hawn għandna tliet semimini mifrudin il-waħda mill-oħra permezz ta' kwart aspett!

Ħaġa tal-aħħar, meta tgħodd il-battuti bir-repliki b'kollox, inkluż dawk wara li mmorru *dal segno*, jiġifieri minn A sa B, insibu li b'kollox f'kull taqsima għandna hekk:

| Taqsima | Introduzzjoni | A | B | $A^1$ | $B^1$ | Koda |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Battuti | 8 | 20 | 35 | 23 | 15 | 19 |

Mit-tabella t'hawn fuq wieħed jinnota li b'kollox il-battuti jammontaw għal 120 waħda, li estetikament joqgħodu tajjeb għall-perjodu mużikali li fih inkitbet l-antifona peress li l-istil Klassiku (jew Romantiku bikri) aktar jippreferixxi l-għadd biż-żewġ milli bil-fard għax dan joħloq il-bilanċ mixtieq mhux biss f'dawk li huma frażijiet, sentenzi u taqsimijiet, imma wkoll fix-xogħol kollu. Tant hu hekk li, jekk ngħoddu t-taqsimiet kollha nsibu li għandna sitta, jew 3 + 3. Issa, jekk nieħdu l-introduzzjoni + A + B flimkien għalihom, insibu li għandna 63 battuta, filwaqt li jekk ngħoddu $A^1$ + $B^1$ + koda flimkien, dawn jammontaw għal 57 waħda. Mela fuq naħa għandna 63 u fuq in-naħa l-oħra għandna 57, li tista' tgħid għandhom mill-istess tul.

Hemm aktar affarijiet x'wieħed jista' jikkumenta u/jew janalizza, imma nemmen li tajtkom biżżejjed tagħrif li nispera hu ta' siwi għalikom. Nagħlaq biss billi ngħid li, f'għeluq il-165 minn mindu Dr. Paolo Nani kiteb din l-Antifona, għamilt traskrizzjoni tagħha għall-banda u ndaqqet għall-ewwel darba f'kunċert vokali u strumentali mill-Banda San Ġiljan u s-St. Julian's Choral Group nhar il-Ħamis 26 ta' Jannar 2012 proprju fl-okkażjoni tal-85 sena anniversarju mit-twaqqif ta' din l-ewwel banda ġiljaniża.

Glossajru:

**Abbrevjatura**: Sinjal immejjel jew iżjed minn sinjal wieħed imqegħdin fuq jew taħt in-nota jfisser li tkun maqsum f'noti skont il-valur wis-sinjal tagħha.

**Appoġġjatura**: Din tingħaraf b'nota żgħira li titqiegħed grad fuq jew taħt xi nota. Valur fiss ma għandhiex, imma ġeneralment tieħu nofs il-valur tan-nota li tiġi warajh. Għal din ir-raġuni, ġieli tinkiteb bħala nota normali minflok żgħira.

***Basso Continuo***: Dis-sistema Barokka, li toqrob sew lejn dik ta' *chord symbols* li niltaqgħu magħha fil-mużika popolari tallum, kienet tikkonsisti f'noti mużikali (fil-kjavi tal-baxx) li minn fuqhom l-istrumentalista kellu jifforma l-armonija. Ħafna darbi, il-kompożitur kien jgħin lill-istrumentalist billi jżidlu xi numri arabiċi taħt dawn in-noti biex jurih, mhux biss in-noti li għandu jżid fuqhom, imma wkoll il-pożizzjoni tal-akkordji, jew għaqda ta' noti differenti flimkien.

**Battuta**: Dik li bl-Ingliż insjħulha *bar* jew *measure* hija d-diviżjoni ta' biċċa mużika f'biċċiet qsar tal-istess valur jew għaqda ta' noti jew pawsi li jitqassmu fi kwantità ndaqs ta' valur. F'kull battuta t-taħbit jitqassam f'żewġ kwalitajiet li jgħidulhom parti FORTI jew QAWWIJA, u parti DEBOLI jew DGĦAJFA. Battuta tinfired minn oħra billi titqiegħed linja dritta bejniethom imsejħa STANGETTA (*barline*).

**Forma binarja**: Biċċa mużika maqsuma f'żewġ taqsimiet ewlenin, fejn kull waħda minnhom aktarx li tkun ripetuta.

**Forma sonata**: Moviment fi tliet taqsimiet – espożizzjoni – żvilupp – rikapitulazzjoni + koda.

**Għasar**: Kelma li tfisser waħda mill-ħames talbiet ta' kuljum. Kelma oħra minflokha hija l-kelma *Vespri*. L-għasar huwa servizz li normalment isir fil-ġranet tal-festa u jsir billi jitkanta jew jinqara innu, tliet Salmi, isir qari qasir mill-Iskrittura Mqaddsa, invokazzjonijiet u wara tingħad it-talba tal-*Magnificat*. Ħafna drabi titkanta wkoll l-antifona tal-qaddis/a li tiegħu jew tagħha tkun qed issir il-festa. Dawn jingħadu bħala parti mill-Liturgija tas-Sigħat filgħaxija sewwasew qabel il-kumpieta.

**Kadenza**: Progressjoni ta' kordi li jġibu frażi mużikali fit-tmiemha. Dik perfetta tagħti sens ta' tmiem definittiv ta' taqsima sħiħa, saħansitra ta' xogħol sħiħ.

**Kant Gregorjan**: Il-kant tal-knisja, normalment mingħajr akkumpanjament ta' strumenti mużikali, kif reformat mill-Papa Gregorju l-Ewwel, u li għadu jintuża fil-Knisja Kattolika sallum.

**Kjavi**: Huma s-sinjali li bihom jiġi ffissat l-isem tan-noti, u li jinsabu fil-bidu ta' kull biċċa mużika. Minn dawn is-sinjali hemm sebgħa b'kollox: 1 = kjavi tal-vjolin (jew SOL) + 4 = kjavi tad-DO għas-Sopran, Nofs Sopran, Kuntralt, u Tenur + 2 – kjavi tal-baxx (jew FA) għall-Baritonu, u naturalment, il-Baxx. Is-SETTEKJAVU huwa wisq meħtieġ għat-trasport tal-istrumenti.

**Kumpieta**: Hija l-aħħar talba (jew talba ta' qabel l-irqad) li l-qassis jgħid mill-brevjar wara l-vespri.

**Legat** (*Legato*): Mod kif iddoqq/tkanta fejn in-noti huma marbutin b'tali mod li meta jgħaddu minn waħda għall-oħra ma jkunx hemm qtugħ bejniethom. Il-legat ikun mmarkat b'sinjal nofs tond li jitqiegħed fuq jew taħt in-noti konċernati.

**Liturġija tas-Sigħat (***Liturgia Horarum*) jew l-**Uffiċju Divin** (*Officium Divinum*): Wieħed mid-dmirijiet li s-saċerdot jingħata huwa t-talb tal-Liturgija tas-Sigħat f'ħinijiet differenti matul il-jum għax permezz tiegħu huwa mhux biss ikun qed jiftaħ fommu biex ifaħħar lil Alla f'isem il-Knisja, imma jingħaqad ma' Kristu fl-offerta tiegħu nnifsu għat-tqaddis tal-poplu u jinterċedi għal ħtigijiethom. F'dan is-sens, il-Liturgija tas-Sigħat ittawwal għal matul il-jum kollu l-grazzja li toħroġ mill-Ewkaristija li hija ċ-ċelebrazzjoni tal-offerta ta' Kristu għalina l-poplu tiegħu.

**Omofoniku**: Linja waħda ta' melodija bil-vuċijiet jew partijiet oħra jimxu magħha billi jagħmlu kordi li jservu ta' akkumpanjament.

**Pedala**: Hawnhekk la hu mirfes u wisq anqas brejk jew klaċċ ta' korozza! Hija dik in-nota twila (tista' tkun ukoll ritmata bħal fil-każ tagħna) li fuqha jew taħtha l-akkordji jinbidlu bir-riżultat li jista' jkollok ukoll waqtiet fejn tinħoloq dissonanza.

**Pentagramma**: Dil li bl-Ingliż insejħulha *Stave* jew *Staff*, jiġifieri vers ta' ħames rigi għall-kitba tal-mużika. In-noti jinkitbu fuq jew bejn dawn il-ħames linji paralleli u jingħaddu mill-ewwel linja jew spazju t'isfel għal fuq.

**Pizzikat** (*Pizzicato*): Mod kif tista' ddoqq strument tal-korda billi toqros il-kordi bis-swaba minflok tuża l-ark (*arco*).

**Reċitattiv**: Tip ta' kant li jersaq lejn it-taħdit. Insibuh l-aktar fl-opri u fl-oratorji.

**Sesta Ġermaniża**: (bl-Ingliż *German 6$^{th.}$*) hija korda magħmula minn trijadi maġġuri, jiġifieri grupp ta' tliet noti li jikkonsistu f'nota u t-terza maġġuri, u l-kwinta perfetta ta' fuqha. Ma' dawn wieħed irid iżid is-sesta awmentata. Din il-korda tinbena fuq is-sitt grad minuri ta' l-iskala (ġieli wkoll fuq it-tieni grad minuri). Għal dan il-fatt is-Sesta Ġermaniża hija waħda kromatika. Biex inġibu eżempju, jekk qegħdin in DO Maġġuri, l-akkordju jiġi jaqra hekk: LA bemoll, DO, MI bemoll, u FA djesis. Ma tridx tirsolvi dritt għal fuq id-dominanti (V) għax inkella toħloq kwinti perfetti konsekuttivi mhux permessi. Minflok, għandha l-ewwel tirsolvi fuq il-korda tonika fit-tieni inverżjoni u mbagħad tmur lejn id-dominanti (Ic – V).

**Sìnkope**: Din tiġri meta nota taħbat b'mod illi nofs il-valur tagħha jaqa' fuq il-parti forti u n-nofs l-ieħor fuq id-deboli.

**Sinfonija**: Xogħol orkestrali fuq skala kbira, ġeneralment f'erba' movimenti, li mill-anqas wieħed minnhom, aktarx l-ewwel wieħed, irid ikun f'dik li tissejjaħ il-forma sonata.

**Sonata**: Xogħol biex jindaqq (mhux jitkanta = *cantata*). Xogħol għal pjanu jew strument ieħor għall-akkumpanjament tal-pjanu fi tliet jew erba' movimenti, bl-ewwel wieħed ikun fil-forma sonata.

**Stakkat** (*Staccato*): Il-kontra ta' legat. Meta ddoqq noti stakkati tisma' bħal aspett bejniethom. L-istakkat ikun immarkat b'tikka jew ponta ta' vleġġa fuq ras in-nota. Tikka tindika stakkat ħafif ($^{1}/_{2}$ tal-valur tan-nota), filwaqt li ponta ta' vleġġa tindika stakkat qawwi jew martellat ($^{3}/_{4}$ tal-valur tan-nota).

**Strumentazzjoni**: Is-sengħa, studju jew tagħlim tal-partijiet sturmentali u/jew vokali miktubin individwalment u kif ser jindaqqu jew jinstemgħu bħala orkestra u/jew banda.

***Sturm und Drang*** (Ġer.) 'Maltemp u Qawwa' – moviment letterarju li xtered fil-Ġermanja fi tmiem is-Seklu 18, immexxi minn reazzjoni kontra l-illuminiżmu Franċiż u kontra l-klassiċiżmu, u mnebbaħ minn qima kbira lejn is-setgħat emottivi li hemm fil-bniedem, sies tal-individwalità. It-twemmin fil-passjoni mqanqla, fin-nazzjonaliżmu (bħala individwaliżmu kollettiv), fil-wirt popolari u demokratiku u fl-emozzjoni bħala mixja lejn l-infinit joħloq ix-xejriet ewlinin tiegħu. (Dizzjunarju ta' termini letterarji ta' Oliver Friggieri – PEG 2000).

**Ternarja**: Tirreferi għal dik il-mużika fi tliet taqsimiet fejn it-tielet waħda hi ripetizzjoni (eżatta jew viċin) tal-ewwel u għaldaqstant għandha forma A+B+A[(1)].

**Tremulu**: Ripetizzjoni ta' nota waħda b'ħeffa kbira.

Bibliografija:

Galea Ġwann: **L-Antifona tal-Festa – b'riferenza speċjali għall-festa ta' San Ġiljan**: Programm tal-Festa San Ġiljan 2005. Pubblikazzjoni tal-Kumitat Festa San Ġiljan, Nru. 16, p. 27-33.

Mifsud Bonnici Robert: **Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u tal-Lum**. Stampatur: Giov. Muscat (Malta, 1951), p. 114-8.

Papagiorcopulo Niki: **Kwadru tal-ħajja parrokkjali u tal-festa ta' San Ġiljan bejn tmiem is-Seklu Dsatax u l-bidu tas-Seklu Għoxrin**: Lapsi – l-annwal tal-knisja l-antika ta' San Ġiljan Ospidalier 2009, p. 61-64.

Vella Bondin Joseph: **Il-Mużika ta' Malta fis-Seklu Dsatax u Għoxrin**. Stampatur: Publikazzjonijiet Indipendenza (PIN) (Malta, 2000), p. 16-21.